**EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2004**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' L-Edukazzjoni

| **IT-TIELET SENA** | **STUDJI SOĊJALI** | **ĦIN : SIEGĦA U NOFS** |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: _______________

**A.** Aħna lkoll ngħixu **f'soċjeta'** u għalhekk aħna lkoll **ċittadini** ta' pajjiżna. **Fl-Istudji Soċjali** aħna nitgħallmu x'jistenna minna pajjiżna billi nifhmu x'inhuma dawk il-**valuri ċiviċi** li permezz tagħhom nagħrfu d-**drittijiet** u d-**dmirijiet** li għandna. L-**identita' nazzjonali** turi min aħna, bħala pajjiż b'**wirt storiku** kbir fin-naħa t'isfel ta' l-**Ewropa** u li għandu post fix-xena **internazzjonali**.

**Daħħal il-kliem bil-linja taħthom ħdejn it-tifsira:**

1. ______________________ = il-poplu fil-pajjiż
2. ______________________ = jeddijiet
3. ______________________ = turi li aħna Maltin
4. ______________________ = membri tas-soċjeta'
5. ______________________ = obbligi li għandna nwteequ lejn l-oħrajn
6. ______________________ = tagħlim dwar is-soċjeta'
7. ______________________ = solidarjeta', għajnuna, ftehim, rispett
8. ______________________ = il-kontinent fin-naħa ta' fuq ta' Malta
9. ______________________ = juri l-Istorja ta' pajjiżna
10. ______________________ = postna mal-ġnus l-oħra

**(1 x 10=10 marki)**

**B. Qassam dawn li ġejjin fi tnejn:** **(5 marki f'kull waħda)**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| alkoħoliżmu | children's allowance | tilqim | separazzjonijiet | qgħad |
| drogi | ċentru tas-saħħa | tagħlim | mard | pensjoni |

**Problemi Soċjali:** ________________________________________________

________________________________________________________________

**Benefiċċji Soċjali:** ________________________________________________

________________________________________________________________

**(1 x 10 = 10 marki)**

**Ċ. Aqra u wieġeb:**

Ir-riklami saru parti minn ħajjitna. Fuq il-mezzi kollha tax-xandir, kif ukoll fit-toroq tagħna narawhom kuljum. Iħajruna biex nixtru, xi kultant dak li m'għandniex bżonn. Ir-riklami jiswew il-flus, u nħallsu għalihom aħna il-konsumaturi. Imma dejjem jgħidu l-verita', jew meta nixtru l-oġġett ikun differenti mill-mod kif narawh fl-istampi, jew fuq it-televiżjoni? Xi kultant jintużaw mezzi qarrieqa, kif ukoll nuqqas ta' serjeta' li jistgħu jagħmlu ħsara lill-istess soċjeta' tagħna.

1. X'inhu riklam? ____________________________________________

   __________________________________________________________

2. Semmi tliet mezzi ta' xandir ______________________________________

   __________________________________________________________

3. Kif jistgħu iqarrqu bina r-riklami? __________________________________

   __________________________________________________________

4. Min hu l-konsumatur?__________________________________________

   __________________________________________________________

5. X'effetti għandhom ir-reklami fuq kif naħsbu? __________________________

   __________________________________________________________

6. X'effett għandha r-repetizzjoni tar-reklami? ___________________________

   __________________________________________________________

7. Semmi tliet mezzi li tisma' jew tara r-riklami fuqhom. ______________________

   __________________________________________________________

8. X'jiġifieri meta ngħidu li xi ditti kummerċjali jkunu 'sponsors' ta' programmi bir-reklami tagħhom?

   __________________________________________________________

9. X'jiġifieri meta xi prodotti joffru garanzija? ___________________________

   __________________________________________________________

10. X'xogħol jagħmel id-Dipartiment tal-Konsumatur? ________________________

    __________________________________________________________

**(2 x 10 = 20 marka)**

**D. Għid kif taħsibha dwar dawn:**

1. Hemm bżonn li nisseparaw l-iskart domestiku: __________________________

   __________________________________________________________

2. Hawn wisq tniġġis fl-arja: ____________________________________________

____________________________________________________________

3. Il- ħaddiem għandu jkollu s-sigurta' għal saħħtu u ħajtu fuq il-post tax-xogħol:

____________________________________________________________

____________________________________________________________

4. It-tagħlim huwa dritt iżda wkoll dmir ta' kulħadd: ______________________________

____________________________________________________________

5. L-ewwel droga huma s-sigaretti u x-xorb: ___________________________________

____________________________________________________________

**(2 x 5 = 10 marki)**

**E. <u>Is-servizzi soċjali qegħdin hemm biex jgħinu lil min għandu bżonnhom. Lil min jgħinu dawn li ġejjin?</u>**

1. Servizz ta' telefon l79 ____________________________________________
2. Id-Dipartiment tal-Konsumatur ______________________________________
3. E.T.C. (Employment and Training Corporation) ___________________________
4. Ċentru tas-Saħħa ____________________________________________
5. L-Aġenzija Sedqa ____________________________________________

**(2 x 5 = 10 marki)**

**F. <u>Ir-rwol huwa s-sehem tax-xogħol li għandna fil-ħajja. Semmi żewġ dmirijiet li għandek int bħala:</u>**

1. membru fil-familja: ____________________ ____________________
2. student/a fl-iskola: ____________________ ____________________
3. membru ta' grupp: ____________________ ____________________
4. resident/a fil-lokalita' tiegħi:

   ____________________ ____________________

5. ċittadin/a Malti/ja: ____________________ ____________________

**(1/ 2 x 10 =5 marki)**

**Ġ. <u>Ikteb sentenza b'dawn li ġejjin</u>:**

1. relazzjoni ____________________________________________
2. VAT ____________________________________________
3. ambjent ____________________________________________
4. teknoloġija ____________________________________________
5. valuri ____________________________________________

**(2 x 5 =10 marki)**

**G. X'differenza hemm bejn:**

1. dak li rrid u dak li għandi bżonn ______________________________

______________________________

2. trasport pubbliku u privat ______________________________

______________________________

3. l-ewwel u t-tieni settur ta' l-ekonomija ______________________________

______________________________

4. fatt u opinjoni ______________________________

______________________________

5. xogħol manwali u mentali ______________________________

______________________________

**(2 x 5 = 10 marki)**

**GĦ. Ikteb madwar għaxar linji fuq WIEĦED:**

1. Il-wirt storiku ta' pajjiżna.
2. Kull xogħol jeħtieġ it-tagħlim ta' l-iskola bħala preparazzjoni.
3. It-televiżjoni: telf ta' ħin jew tagħlim?
4. Inti membru ta' familja, student/a, u ħabib/a. X'relazzjonijiet għandek ma' l-oħrajn?
5. Il-ħbieb jistgħu jinfluwenzawna f'imġiba li ma tkunx mixtieqa mis-soċjeta'. Ikteb dwar x'għandha tkun it-tweġiba tiegħek.
6. Tkellem dwar xi proġett, sehem f'xi attivita' jew ħarġa ma' ta' l-iskola u għid x'tgħallimt minnha.

**(15-il marka)**

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________

______________________________